**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**
**B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)**

**Illum it-Tnejn, 9 ta' Mejju 2022**

**Kumpilazzjoni numru 52/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**Vs**

**Jean Pierre Le Prevost**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra Jean Pierre Le Prevost, li għandu li għandu numru tal-karta tal-identita' 28090(G), ta' 31 sena, iben Carmel u Josephine nee' Azzopardi, imwieled Rabat, Għawdex nhar is-26 ta' Awwissu 1990 u residenti Block 6, 12, 'Vjal il-Labour', Xewkija, Għawdex fejn ġie akkużat talli nhar is-26 ta' Settembru 2021, f'xi ħin bejn 01.30a.m. u 02.30a.m. waqt li kien qiegħed fil-port tal-Imġarr, Għajnsielem, Għawdex;

1. Ikkaġuna ġriehi ta' natura gravi fuq il-persuna tal-eks partner tiegħu Bernice Anne Mercieca, hekk kif ċertifikat Dr. Abdul Aziz M.D. Reg. No. 4520 u dan bi ksur tal-Artikoli dan bi ksur tal-artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lill-partner tiegħu Bernice Anne Mercieca u dan bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi għamel reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza mogħtija nhar is-6 ta' Awwissu 2019 mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Dr. B. Sultana LL.D. (Għawdex);

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u ċirkustanzi, u aktar talli rrenda ruħu recidiv b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati li huma definitivi li ma jistghux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9;

F'każ ta' ħtija il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-partner tiegħu Bernice Anne Mercieca u l-familja tagħha u dan ai termini tal-Art. 383 et seq. tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija tal-partner tieghu Bernice Anne Mercieca u l-familja tagħha skont artikolu 412 (C) tal-Kap. 9 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat li din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (a fol. 96) datata 9 ta' Marzu 2022, li permezz taghha bagħat lill-imputat Jean Pierre Le Prevost biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif mahsub taħt:

- Fl-artikoli 17, 31, 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 214, 215, 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 28B(1)tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 383; 384 385 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġjiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-7 ta' April 2022 (a fol. 97), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fid-9 ta' Marzu 2022, u

f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja.

**Ikkunsidrat:**

Fil-mori ta' dawn il-proċeduri, Bernice Ann Mercieca ddikjarat bil-ġurament tagħha tat-18 ta' Novembru 2021 li hija ma tixtieqx tixhed u li qed tirrinunzja għal dawn il-proċeduri. Iddikjarat ukoll li hija ma tixtieqx li l-pulizija jkomplu jieħdu passi fuq dan il-każ

Meta l-Qorti fliet l-atti kollha u l-provi mressqa, hija tqis li l-ewwel zewġ imputazzjonijiet fil-konfront tal-imputat ma ġewx ippruvati mill-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju raġjonevoli. Stante li dawn l-ewwel zewġ imputazzjonijiet ma ġewx ippruvati, l-imputat lanqas ma jista' jinstab ħati tat-tielet u tar-raba' imputazzjonijiet.

**Deċide:**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qed tillibera lil Jean Pierre Le Prevost minn kull kundanna u ħtija.**

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur